**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 22 ta' Novembru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 28/2022**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Clayton Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-Att ta'l-Akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 28 tas-sena 2022 kontra Clayton Azzopardi akkużat:

> **Fl-Ewwel Kap** talli fis-06 ta' Mejju 2010 u fil-jiem ta' qabel din id-data ġewwa Malta u l-gżejjer Maltin assoċja ruhu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw f'dawn il-gżejjer, ir-raża tal-Cannabis u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, l-Avukat Ġenerali addebita lill-akkużat Clayton Azzopardi bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom reati ta' serq.

**Fit-Tieni Kap**, talli fis-06 ta' Mejju 2010 u fil-jiem ta' qabel din id-data ġewwa Malta u l-gżejjer Maltin biegħ jew traffika l-pjanta cannabis f'Malta kollha jew bicca minnha (minbarra l-preparazzjonijiet medicinali taghha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi billi forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Pjanta Cannabis kollha jew parti minnha lil xi persuni, f'dawn il-gzejjer jew x'imkien iehor, jew avża l-imsemmija droga għal-bejgħ mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat birregoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga. Inoltre, l-Avukat Ġenerali addebita lill-akkużat Clayton Azzopardi bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom reati ta' serqz.

**Fit-Tielet Kap**, talli fis-06 ta' Mejju 2010 u fil-jiem ta' qabel din id-data ġewwa Malta u l-gżejjer Maltin, kellhu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis jew parti minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib prinċipali tal-gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll intern fuq id-drogi perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornuta lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regoli msemmija, b'dan illi r-reat kien wieħed kommess taħt ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Inoltre, l-Avukat Ġenerali addebita lill-akkużat Clayton Azzopardi bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom reati ta' serq.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Clayton Azzopardi ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2022 fejn eċċepixxa:

"1. Illi fl-ewwel lok, l-akkuzat qieghed jecepixxi n-nullita tal-att tal-akkuza ai termini tal-Artikolu 597 (4) tal-Kap 9 stante li l-ezami tal-akkuzat ma sarx skont dak li jipprovdi l-Artikolu 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe fejn "il-Qorti tistaqsih ismu u kunjomu, kemm-il sena għandu, fejn twieled u fejn joqgħod, is-sengħa, professjoni jew stat ieħor tiegħu, l-isem u kunjom tal-ġenituri,u jekk humiex ħajjin jew mejtin." Illi stante illi l-ezami tal-imputat huwa element holistiku, ladarba dan ma sarx skont l-artiklu 392 tal-Kap 9 u cioe stante lill-Qorti a fol. 16 staqsiet biss x'inhu l-isem missier l-akkuzat odjern u jekk hux haj jew mejjet, seta' jigi sanat biss billi jerga' jsir l-ezami mill-gdid fl-intier tieghu u allura la ma regax sar u d-difett ma giex sanat daqs li kieku r-rekwizit fl-Artikolu 392 tal-Kap 9 ma giex osservat u dana jimporta in-nullita tal-att tal-akkuza ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kap 9;

2. Illi l-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta mill-atti processwali, meta l-Magistrat precedenti u cioe Neville Camilleri gie elevat ghal Imhallef u l-istrutorja giet presedjuta minn Magistrat iehor u cioe il-Magistrat Natasha Galea Sciberras, qatt ma inghatat ezenzjoni mid-difiza sabiex ma tergax tisma' mill-gdid l-provi mismugha fil-kawza quddiem ilQorti kif diversament u precedentement preseduta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak sueccepit, il-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi ma jirrizulta mill-atti processwali l-ebda ordni mill-Qorti sabiex it-traskrizzjoni tax-xhieda tittiehed b'mezzi eletromanjetici jew digitali;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak sueccepit, l-procedura tal-kumpilazzjoni hija wkoll nulla ghaliex ma hemmx esebit in atti d-digriet t'assenjazzjoni mill-Prim'Imhallef sabiex il-Qorti Struttorja tigi presedjuta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpilazzjoni u kif ukoll l-investigazzjoni huma nulli stante illi l-akkuzat ma kienx inghata id-dritt ghad-disclosure fi stadju ta' investigazzjoni anke stante illi dan id-dritt ma kienx koncess taht il-ligi Maltija f'dak iz-zmien, liema nuqqas mhux biss wassal ghal actual prejudice f'dan il-kaz izda eventwalment gie rimedjat, permezz tal-emendi fil-kodici Kriminali fl-Artikolu 534AB li a bazi tieghu l-iskeda E, Taqsima I, Ittra bi Drittijiet tipprovdi li persuna interrogata jew l-avukat taghha ghandhom dritt ghad-dokumenti kollha senjatament il-provi kollha favur jew kontra l-akkuzat. Illi in oltre, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghallArtikolu 534AF oltre l-artikolu 356 (2) tal-Kap 9. Illi certament il-konoxxenza tal-provi li l-prosekuzzjoni tressaq kontra l-akkuzat huma sanciti fil-principju ta' equality of arms, element fundamentali ta' dritt ta' smiegh xieraq. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju f'kaz lill-Qorti joghgobha ma tilqax it-talba ghan-nullita` tal-

proceduri l-akkuzat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti titlob l-isfilz ta' dawk il-provi, xhieda u dokumenti kollha inkluz fl-inkjesta li ma inghatawx lill-esponent bhala diclosure fil-waqt tal-investigazzjoni ghall-istess ragunijiet appena suesposti; Illi fost l-oggetti li ghandhom jigu mnehhija mill-atti hemm il-filmat li allegatament ittiehed minn Trevor Cassar Mallia u illi qatt ma inghata lill-akkuzat bhala disclosure fil-waqt tal-investigazzjoni tieghu;

6. Illi b'referenza ghall-Ordni tal-Avukat Generali a fol. 14 tal-process, fejn l-Avukat Generali jordna li l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali l-esponent jirrileva s-segwenti: a) illi tezisti diskrepanza bejn it-test Malti li jaqra titressaq quddiem il-Qorti Kriminali u t-test Ingliz li jaqra shall be tried in the Criminal Court. Illi tried hija tradotta fil-Malti bil-kelma gudikat filwaqt illi jitressaq hija tradotta bl-Ingliz bil-kelma arraigned; b) illi filwaqt li huwa minnu li sabiex persuna tigi gudikata mill-Qorti Kriminali l-ewwel trid issir il-kumpilazzjoni pero dak ordnat a fol. 14 mill-Avukat Generali jew ma jistax isehh jew f'dan il-kaz ma sehhx ghaliex meta gie mressaq (arraigned) huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghaldaqstant jew il-ligi qed tikontempla procedura zbaljata jew dak kontemplat mil-ligi ma giex segwit li fil-kaz il-wiehed jew l-iehor ghandu jgib in-nullita` tal-proceduri;

7. Illi wkoll din il-Qorti ghandha tordna l-isfilz tar-relazzjonijiet u x-xhieda ta' PC 1525 Patrick Farrugia (a fol. 78 tal-inkjesta) li gie moghti l-inkarigu jaghmel ezamijiet kimici ghall-evidenza ta' impronti digitali fuq dokumenti kkonsenjati lilu, PS1238 Clive Brimmer (a fol. 124 tal-inkjesta) li gie moghti l-inkarigu jiehu l-impronti digitali tal-akkuzat u jaghmel l-komparazjonijiet mal-lifters elevati u Joseph Mallia li gie moghti l-inkarigu sabiex jiehu l-impronti digitali u tal- 19 palma tal-id taz-zewg imputati (a fol 223 tal-atti processwali) , u dana stante:
i) illi l-analizi ta' kull wiehed minn dawn ix-xhieda saret f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat. Illi l-analizi tar-rapporti tal-esperti imsemmija ma jindikax a bazi ta' liema standard l-imsemmija esperti uzaw sabiex wasslu ghal konkluzjoni taghhom, kif ukoll ma huwiex maghruf l-apparat taghhom ma liema standard huwa kompattibbli u dana stante li ma jemergi xejn minn dan kollu fir-relazzjonijiet taghhom. Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Laboratarju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal-mohh fl-esponenti illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali talesponenti u dan peress illi mhumiex konformi kemm mal-Ligi Sussidjarja 460.13 kif ukoll mal-Ligi Ewropea senjatament standards li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 u ghaldaqstant ghandha tigi sfilzata kwalsiasi riferenza ghll-istess impronti digitali, u kwalsiasi dokumenti u xhieda relattivi. Illi dan huwa rifless f'Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja 460.13 li tghid Forrnituri ta' servizzi forensiċi jistgħu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jiġu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

ii) Illi oltre minn dan, ma jezisti xejn fl-atti illi jitfa' dawl fuq kif ittiehdu dawn l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn, kif gew ppreservati, x'tip ta' salvagwardji ittiehdu, xi procedura giet adoperata, xi procedura specifika intuzat u jekk hux b'metodu xjentifiku rikonnoxut, minn fejn gew elevati, x'kontaminazzjoni seta' kien hemm u jekk ittiehdux skont kif jiddettaw ir-regoli tal-procedura fejn tidhol evidenza li ghandha tingieb quddiem il-Qorti. Illi ghalhekk ir-rapporti tal-esperti ma jindika bl-ebda mod l-modus operandi u t-teknika uzati sabiex l-esperti waslu ghall-konkluzzjonjiet illi waslu ghalihom. Illi skont l-gurista Amerikan John R. Vanderkolk, fil-ktieb Fingerprint Sourcebook jigi spjegat illi l-metodu ta illum il-gurnata, l-metodu ta' analizi, komparizzazzjoni, evalwazzjoni u verifikazzjoni maghruf ahjar bhala (ACE-V) huwa l-metodu stabbilit kif ezaminazzjoni ta' fingerprints issir.
iii) Illi jekk il-metodu operattiv kien limitat ghal analizi vizwali, ma jistax jinghad illi dan huwa wiehed essenzzjalment korrett stante li m'huwiex bizzejjed illi espert fil-metodu ta' analizi jaghmel analizi biss fuq ghajnejh stante il-human error li tista' tqarraq u ma taghtix rizultat preciz. Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi r-rizultati miksuba saru b'mod lill-Qorti tista' tistrieh fuqhom u dana stante diversi fatturi surreferiti hawn imsemmija li jiftghu dubju serju fuq kif dawn waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom;

8. Illi wkoll ghandha tigi sfilzata mill-atti s-sustanza allegatament cannabis inkluz izda mhux biss ghall-esebit K/B/355/2010 kif ukoll id-DOK AF 385/2010 li giet ezebita u dana ghar-ragunijiet segwenti:
i) illi meta sar ir-rikors mill-Ufficjal Prosekutur nhar is-7 ta' Mejju 2012 a fol. 32 tal-atti processwali sabiex id-droga in konnessjoni mal-kaz ta' Anthony Debattista tigi eżebita fl-atti tal-kumpilazzjoni odjerna, il-Qorti laqghet it-talba minghajr ma ordnat notifika lill-Avukat Generali u lid-difiza nhar id-9 ta' Mejju 2012;
ii) Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tordna l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi droga cannabis, u dan flimkien mal-isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati maghhom u dan stante li mhux biss ma giex segwit dak rikjest mill-Avviz Legali 121/2002 tal-Kap 9, (li jistipula illi a tenur talArtikolu 669 (2) tal-Kap 9 ir-Registratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Sahha sabiex izomm f'ismu l-medicinali perikoluzi meta dawn inzammu taht il-kustodja tad-Dirrettur tal-Qrati), illi talli tali inosservanza taghti lok ukoll ghal difett procedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li allura hija ukoll difettuza;
iii) Illi inoltre ghandha tigi sfilzata wkoll ir-relazzjoni tax-Xjenzat Mario Mifsud (a fol. 35 et. seq tal-inkjesta) stante illi d-droga misjuba giet analizzata f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat. Di piu, l-analizi saret minn spizjar illi x'aktarx fiz-zmien tal-kaz lanqas ma kellu accreditation specifika huwa personalment, sabiex jezegwixxi dawn l-istess testijiet; Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Labortarju u tax-xjenzat hawn imsemmi ma jwassalx ghas-

serhan tal-mohh fl-esponenti illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess Xjenzat huma attendibbli u safe li wiehed joqghod fuqhom anke in vista tal principju baziku lill- prosekuzzjoni tenuta tressaq l-aqwa prova;

9. Illi l-Qorti ghandha tisfilza kwaslsiasi evidenza, xhieda u dokumenti relatati mas-sustanza kokajina stante li din tirreferi biss ghal Anthony Debattista u b'ebda mod ma hemm ebda konnessjoni mal-akkuzat odjern;

10. Illi l-akkuzat qieghed ukoll jitlob l-isfilz ta' evidenza, xhieda u dokumenti dwar Anthony Debattista u li ma gewx elevati jew maghmula in konessjoni ma' Clayton Azzopardi jew li m'ghandhom l-ebda relevanza ghall-kaz odjern;

11. Illi l-proces verbal ezebiet ghandu jigi sfilzat u dana stante illi minkejja li dan il-proces verbal, intitolat, dwar sejba ta' ammont sostanzjali ta' cannabis fuq Anthony Debatista fis-6/05/10 (PV 365/10) gie esebit nhar l-10 ta' Mejju 2012, ma jirrizultax mill-atti minghand min gie ezebit u fil-pussess ta' min kien meta gie ezebit u ghaldaqstant hemm difett fil-kontinwita` t'evidenza. Illi in oltre, dan qieghed ukoll jintalab stante li din l-inkjesta ma kinitx wahda fuq l-akkuzat odjern izda fuq terza persuna totalment estranja ghal dawk il-proceduri;

12. Illi ukoll, ghandu jigi ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha fl-inkjesta u dana ghaliex kif jirrizulta mill-istess inkjesta (a fol. 5), is-sustanza tax-xhieda fl-inkjesta suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici, u kif ukoll ordnat mill-Magistrat Sedenti, izda minkejja dan kollu, x-xhieda giet xorta registrata b'mezzi digitali;

13. Illi din il-Qorti ghandha wkoll tordna l-isfilz tal-filmat ezebit u mmarkat bhala DOK TCM u konsegwentement kwalisasi referenza ghalih inkluz l-istills mehuda minn l-istess filmat fir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada mmarkata bhala Dok MB u MBX1 stante illi dan ma ttehidx minn espert mahtur mil-qorti jew mil-Magistrat Inkwerenti u stante li anke biex jittiehdu stills kellu jinhatar espert multo magis biex jittiehed l-filmat. Inoltre c-chain of custody hi miksura stante li ma jirriżultax lil min ghaddha dan il-filmat PC 10 Trevor Cassar Mallia sabiex finalment dan gie ezebit fl-inkjesta mill-Assistent Kummissarju Dennis Theuma. In oltre jigi rilevat illi dan lanqas ma inghata lil akkużat bhala disclosure fil-mument tal-arrest u allura ghandu jigi sfilzat anke minhabba din ir-raguni;

14. Illi l-akkuzat qieghed jitlob ukoll l-isfilz tax-xhieda kollha fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirrizultax li gew amministrati l-gurament ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Kriminali u skont l-format stabbilit fl-Artikolu 577 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jigi sfilzati wkoll l-oggetti esebiti matul dik x-xhieda. Illi trid issir distinzjoni bejn verbal u x-xhieda nfisha u illi mhux bizzejjed jinghad 'jixhed l-Ispettur Dennis

Theuma bil-malti bil-gurament jghid' izda x-xhieda biex tkun valida irid jirrizulta testwalment li x-xhud qed jigi moghti l-gurament mir-registratur ai termini tal-Artikolu 632 tal-Kodici Kriminali u jigi registrat ukoll l-format tal-gurament li qed jittiehed fil-forma ta' "Int A.B. aħlef (jew, wettaq solennement) li x-xiehda li sejjer tagħti, tkun is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinek." Illi filwaqt li jezistu verbali fejn jinghad li xhieda xehdu bil-gurament pero ma jirrizultax mill-atti l-amministrazzjoni nfsiha tal-gurament u in mankanza ta' din il-prova x-xhieda ghandhom ikunu sfilzati stante li hemm distinzzjoni netta bejn verbal u l-fatt innifsu li jkun qed jigi ndikat permezz ta' dak il-verbal. Illi jinghad in oltre, illi lanqas r-rekwizit fl-Artikolu 390 (6) tal-Kap. 9 ma gew osservati fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda fil-kumpilazzjoni u ghaldaqstant ghandom jigu sfilzati u dana meta Il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, ex officio, tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittiehdu…….jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi……..Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni;

15. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tax-xhieda li ddeponew fl-inkjesta ukoll u dan peress li ma jirrizultax illi gew somministrati l-gurament skond il-ligi;

16. Illi qieghed jintalab l-isfilz tal-istqarrija moghtija minn l-akkuzat Clayton Azzopardi mmarkata bhala DOK DT 7 a fol.56. u kif ukoll kwalisasi referenza ohra ghaliha fl-atti processwali. Illi l-istqarrija tal-esponenti, ittiehdet fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tipprovdi l-assistenza u l-prezenza tal-avukat waqt it-tehid tal-istqarrija. Illi llum il-gurnata il-ligi in vigore taghti dan id-dritt lill-persuna susspettata fil-mument illi din tkun investigata u dana wara lid-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija gie ntrodott fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att LI fit-28 ta' Novembru 2016. Ghaldaqstant l-esponenti jqis illi din hija bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu in linea mal- gurispudenza tal-Qorti Kostituzzjonali inter alia, Graziella Attard vs Avukat Generali' deciza fis-27/09/2019, 'Christopher Bartolo vs Avukat Generali' deciza fil-5/10/2018, 'Il-Pulizija (Spettur M. Bondin) vs Aldo Pistella' deciza fl-14/12/2018 u Morgan Onuorah vs l-Avukat tal-Istat deciza fis-27/01/2021 ;

17. Illi qieghed wkoll jintalab l-isfilz tal-istqarrija ta' Carmel Debono mmarkata bhala DOK DT8 a fol. 61 datati nhar it-2 ta' Mejju 2012 u kif ukoll kwalisasi referenza ohra ghaliha fl-atti processwali. Illi in oltre ai rigward l-istqarrija ta' Carmel Debono, din ghandha tigi sfilzata mill-atti processawali stante li huwa ma ghadux akkuzat f'dawn il-proceduri u di piu` tali stqarrija ma taghmel ebda

stat ta' fatt favur jew kontra kontra l-akkuzat stante li stqarrija taghmel prova biss kontra jew favur min jaghmila. In oltre, huwa qatt ma gie prodott bhala xhud matul il-procedura tal-kumpilazzjoni u ghalhekk huwa qatt ma seta' jikkonferma l-istqarrija tieghu;

18. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tghaddi sabiex tordna l-isfilz ta' Dok DT 2 ic-certifikat ta' twelid ta' Carmel Debono, Dok DT4, il-fedina penali ta' Carmel Debono u Dok DT6 l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi ta' Carmel Debono u dana wkoll minhabba l-fatt illi tali dokumenti wkoll ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-esponenti;

19. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tghaddi sabiex tordna l-isfilz ta' DOK CA1 u CD1 a fol. 205 tal-atti processwali u cioe ir-ritratti illi gew esebiti mill-Assistent Kummissarju Dennis Theuma u dana stante illi ma hemmx prova ta' kif u min ha dawn ir-ritratti u f'kull kaz hija miksura ic-chain of evidence;

20. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tghaddi biex tisfilza d-dokumenti mmarkati bhala CA2, CA3 u CA4 a fol. 207 et. seq. u cioe s-sentenzi li hemm esebiti fil-konfront ta' Clayton Azzopardi u dana minhabba l-fatt illi ma hemmx x'jindika li dawn huma finali u li cioe ghaddew in gudikat;

21. Illi in oltre, l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tnehhi mil-lista tax-xhieda s-surgent indikat bhala PS192 u dana stante illi huwa indikat b'isem ta' Roan Gordano u cioe isem illi ma jikkorispondix ghal persuna li xehdet waqt il-kumpilazzjoni.**"**

**3**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Mejju 2023 li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjonijiet numru wieħed (1) ,tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta' (6), sebgħa (7), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), tmintax (18), dsatax (19) u għoxrin (20) fl-intier taghhom. Laqgħet is-sittax (16)-il eċċezzjoni tal-akkużat u għalhekk ddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-akkżżat Clayton Azzopardi u mmarkata bhala Dok DT7 a fol. 56 et seq tal-proċess u kwalunkwe referenza għaliha bħala inammissibli u konsegwentament ordnat l-isfilz tal-istess stqarrija mill-atti proċesswali. Laqgħet ukoll is-sbatax (17)-il eċċezzjoni tal-akkużat u għalhekk ddikjarat l-istqarrija rilaxxata minn Carmel Debono u mmarkata bħala Dok DT8 a fol. 61 et. seq. tal-process u kwalunkwe referenza għaliha bħala

inammissibli u konsegwentament ordnat l-isfilz tal-istess stqarrija mill-atti proċesswali. Caħdet il-wieħed u għoxrin (21) eċċezzjoni tal-akkużat iżda ordnat korrezzjoni fl-Att ta' Akkuża u b'dan illi fil-lista tax-xhieda, parti mill-istess Att t'Akkuża, specifikament fejn hemm indikat ix-xhud 'PS 192 Roan Gordano' għandu jkun mibdul bis-segwenti 'PS 192 Roman Godano'.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Clayton Azopardi fis-17 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet numru sittax (16) u sbatax (17), astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni numru (3), ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari numru wieħed (1), tnejn (2), sitta (6), disgħa (9), għaxra (10), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13), ħmistax (15), tmintax (18), dsatax (19), għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) sollevati mill-akkużat, tirrevokaha fil-bqija u ċioe' fejn ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat u ċioe' l-eċċezzjonijiet enumerati erbgħa (4), ħamsa (5), sebgħa (7), tmienja (8), tnax (12) u erbatax (14) u tilqa' tali eċċezzjonijiet.

**5**. Rat ir-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-18 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), tmintax (18), dsatax (19) u għoxrin (20) u fejn irriformat il-wieħed u għoxrin eċċezzjoni, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet bin-numru sittax (16) u sbatax (17), u minflok tiċħad l-istess eċċezzjonijiet.

**6**. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġeneralil għar-rikors ta'l-appell ta'l-akkużat clayton Azzopardi ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2023 fejn talab illi l-appell tal-akkużat jkun miċħud.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

9. Illi kemm l-akkużat Clayton Azzopardi, kif ukoll l-Avukat Ġenerali, aggravati b'partijiet mis-sentenza appellata interponew appell quddiem din il-Qorti, b'dak intavolat mill-akkużat ċirkoskritt unikament għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari bin-numri 4, 5, 7, 8, 12 u 14, filwaqt li l-appell minn naħa ta'l-Avukat Ġenerali huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienu miċħuda l-eċċezzjonijiet bin-numri 16 u 17.

**<u>L-appell ta'l-Avukat Ġenerali marbuta mal-eċċezzjonijiet bin-numru 16 u 17</u>**:

**10**. Illi l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali jitratta l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellat/appellant rigward l-inammissibbilita ta'l-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija mal-arrest tiegħu[1], kif ukoll l-inammissibbilita' tal-istqarrija ta' Carmel Debono li kien ko-akkużat flimkien mal-akkużat[2] quddiem il-qorti tal-kumpilazzjoni.

**11**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali iressaq aggravju komuni kemm fir-rigward tal-istqarrija tal-appellat/appellant Clayton Azzopardi, kif ukoll tax-xhud Carmel Debono. Fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali il-fatt illi dawn il-persuni ma kenux assistiti minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrijiet tagħhom mill-pulizija ma twassal għal ebda irregolarita' stante illi ttieħdu skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, u allura l-Qorti Kriminali erronjament ordnat l-isfilz ta'l-istess. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravata mill-pronunzjament ta'l-Qorti Kriminali u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-

---

[1] DOK DT 7 a fol.56
[2] DOK DT8 a fol. 61

iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, jindika illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu jsir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha u allura jekk dik il-prova hijiex waħda nieqsa minn valur probatorju.

**12.** Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, wara li għamlet rassenja estensiva tal-ġurisprudenza in materja, kemm dik ewropeja kif ukoll tal-qrati, kemm penali kif ukoll kostituzzjonali fuq dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet:

> **"Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Clayton Azzopardi irrilaxxa stqarrija, fejn inghata l-'caution' skond il-ligi ta' dak iz-zmien. L-istqarrija ttihdet fis-sena 2012 u ghalhekk l-akkuzat filwaqt li kellu dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni ghal hin ta' siegha, hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat matul l-interrogatorju. Illi minn qari tal-istqarrija stess jidher li l-akkuzat kellem lill-avukata tieghu Marion Camilleri qabel irilaxxa l-istess stqarrija. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzat, specjalment meta min hu imsejjah biex jiggudika jara t-twegibiet minnu moghtija fl-istqarrija tieghu u meta hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali matul l-interrogazzjoni.**
>
> **Din il-Qorti tqis li sal-gurnata tal-lum ma jistax jinghad li l-kwistjoni dwar jekk stqarrija ghandhiex tibqa' in atti nonostante l-fatt li ttiehdet fiz-zmien fejn il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat/akkuzat ikun assistit minn Avukat matul l-interrogazzjoni hija kristalizzati, anzi kif muri f'din is-sentenza l-Qrati taw direzzjonijiet differenti dwar din il-kwistjoni.**
>
> **Din il-Qorti filwaqt li tenfasizza li stante li l-proceduri ghadhom ma ntemmux, ma jistax jigi stabbilit jekk hemmx ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq u fejn din il-Qorti ma gietx mitluba u lanqas ma ghandha l-kompetenza tikkunsidra dan, tqis izda li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fit-2 ta' Mejju, 2012 u li tinsab esebita a fol 56 et seq. tal-atti processwali, in vista tal-fatt li dak iz-zmien kienet tapplika r-regola tal-inferenza, l-appellant setgha ghazel biex**

**isemmi xi fatt in vista ta' din ir-regola, ghalhekk sejra tiddikjara l-istqarrija tal-akkuzat Clayton Azzopardi bhala inammissibli u tordna li tigi sfilzata.**

**Din il-Qorti terga temfasizza li f'kaz li tali stqarrija tibqa' in atti, fil-mument li stqarrija tigi murija lil gurati, ma hemmx is-serhan tal-mohh li jekk fl-eventwalita' li l-Imhallef fl-indirizz jaghti direzzjoni lil gurati biex ma jqisux tali stqarrija, il-gurati mhumiex se jkunu gia influwenzati minn dak li qraw fl-istqarrija, anke in kwantu l-kredibilita' o meno tal-akkuzat. Il-fatt li l-akkuzat f'kaz ta' sejbien ta' htija jkollu dritt li jappella d-decizjoni tal-Qorti Kriminali mhijiex salvagwardja bizzejjed ghal harisen tad-drittijiet tieghu, dan anke tenut kont tal-fatt li hekk kif jipprovdi l-artikolu 509(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 'Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk jidhrilha xieraq, fuq rikors tal-appellant teħles lill-appellant mill-arrest bil-garanzija pendenti d-deċiżjoni tal-appell tiegħu magħmul skont l-artikolu 499 jew 500.' u ghalhekk bil-possibilta' li persuna ma tinghatax il-helsien mill-arrest waqt li l-appell ikun ghadu pendenti bil-possibilta' li sussegwentement il-Qorti ssib li tkun sehhet lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq in vista tal-mod ta' kif ittiehdet l-istqarrija.**

**Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, tqis izda li in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar l-uzu li ghandu jsir minnha stqarrija rilaxxata fiz-zmien meta akkuzat ma kellux jedd ikollu Avukat prezenti, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, ghandha tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Clayton Azzopardi u li tinsab a fol 56 et sequitur tal-atti processwali bhala inamissibbli u ghalhekk qieghda tordna l-isfilz taghha. Konsegwentement qieghda tiddikjara kwalunkwe referenza li saret fl-atti fil-provi inkluz fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat setgha qal waqt linvestigazzjoni u waqt l-istqarrija minghajr prezenza ta' Avukat bhala ukoll inammissibbli.**

**Isegwi ghalhekk illi din il-Qorti qedgha tilqa' is-sittax-il eccezzjoni mressqa mill-akkuzat.**

**......**

**L-istqarrija ta' Carmel Debono mmarkata bhala Dok DT893 giet mehuda fi stadju t'investigazzjoni, fejn Debono kien ghazel li ma jiffirmax l-istess stqarrija. L-unika eccezzjoni ghall-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali huwa dak provdut fl-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' 'kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata**

**b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza'. Imkien fl-atti ma jirrizulta li hemm xi stqarrija guramentata ta' Carmel Debono.**

**Din il-Qorti tinnotta illi nhar it-28 ta' Jannar, 2016 giet mitluba s-separazzjoni tal-gudizzju tal-akkuzati Clayton Azzopardi u Carmel Debono. Gie verbalizzat illi l-Qorti giet infurmata bir-raguni ghaliex kienet qed tintalab is-separazzjoni tal-gudizzju, madankollu r-raguni per se ma gietx imnizzla. Sussegwentament saret tali separazzjoni u nhar il-21 ta' Marzu, 201695 ingieb jixhed Carmel Debono jixhed fil-konfront tal-akkuzat Clayton Azzopardi. Debono kien ghazel li ma jixhidx peress li kienu ghadhom ghaddejin il-proceduri fil-konfront tieghu. Jigi osservat illi Carmel Debono lanqas m'huwa indikat bhala xhud fil-lista tax-xhieda li pprovda l-Avukat Generali, u ghalhekk din il-Qorti tifhem illi dan mhux ser ikun qed jiddeponi fil-guri.**

**In vista ta' ta' dak kollu sucitat, l-eccezjoni pprovduta fl-Artikolu 30A ta' Kap. 101 ma tapplikax. Akkuzat ghandu jkollu opportunita' adegwata sabiex jikkonfronta xhud fuq dak li qal, jew fil-hin li jkun qalu jew iktar tard fil-proceduri. Stante li dan ma sarx u mhux ser isir, din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li tiskarta l-istqarrija ta' Carmel Debono u tordna l-isfilz taghha.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tilqa' l-eccezzjoni numru sbatax hekk kif imressqa mill-akkuzat."**

**13**. Illi, kif ingħad, l-appellant Avukat Ġenerali iqiegħed f'keffa waħda l-oġġezzjoni tiegħu għal dak deċiż mill-Qorti Kriminali fir-rigward kemm tal-istqarrija tal-akkużat kif ukoll dik tax-xhud Carmel Debono, li kien ko-akkużat miegħu. Illi minn qari tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali hawn fuq iċċitata jirriżulta illi l-motiv li wassal lil dik il-Qorti tiskarta l-istqarrija tal-akkużat huwa *toto cielo* differenti minn dak li wassalha sabiex tiskarta l-istqarrija ta' Carmel Debono u għalhekk bil-fors li din il-Qorti ser ikollha titrattahom b'mod divers, għalkemm l-Avukat Ġenerali, kif ingħad, iressaq aggravju wieħed u komuni.

**14.** Illi fir-rigward tal-istqarrija tal-akkużat Clayton Azzopardi, huwa inkontestat illi fiż-żmien meta l-akkużat kien arrestat u interrogat lura fis-sena 2010, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex il-

bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil li seħħ fis-sena 2016, u allura żmien wara li l-akkużat kien interrogat. Illi fiż-żmien meta kienet rilaxxata l-istqarrija mill-appellat, kif sewwa traċċat fis-sentenza appellata, kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju biss, mingħajr il-jedd, iżda, li l-interrogat ikun assistit b'avukat waqt l-interrogatorju.

**15**. Illi mogħnija b'dawk il-provi li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fl-atti kumpilatorji, jemerġi illi l-appellat qed jiġi mixli bir-reat ta'l-assoċjazzjoni fil-bejgħ u/jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat jiġi interrogat fit-02 ta' Mejju 2012 fejn kien mogħti t-twissija li kellu dritt jikkonferixxi ma' avukat tal-fiduċja tiegħu għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju, liema dritt huwa eżerċita meta kkonsulta ma' Dr. Marion Camilleri[3], għalkemm fil-bidu tal-istqarrija meta mistoqsi jekk hux minnu li kellem lill-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Marion Camilleri li dak in-nhar kienet qed tassistih quddiem il-Qorti tal-Appell barra l-awla numru 20, huwa jwieġeb:

[3] Ara stqarrija a fol.56 et seq tal-atti kumpilatorji .

**"R: Le mhux veru tkellimt ma'l-avukata fuq dan il-każ, l-unika ħaġa li għedtilha hu li ġie l-ispettur jarrestani."**

**D: Meta llum fil-għodu għedtlek li qed narrestak u għedtlek ukoll fuq xhiex int mill-ewwel għidtli li ridt tkellem l-avukat xi tgħidli dwar dan?**

**R: Imma għidtlek hekk għax kont il-qorti w kelli l-appell."**

**16**. Illi allura, għalkemm huwa minnu, kif tajjeb stqarret l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi d-dritt għall-parir legali kien soġġett għar-regola tal-inferenza li min hu imsejjaħ biex jiġġudika jista' jagħmel dwar il-ħtija o meno tal-persuna akkużata f'dik l-istanza fejn ikun ittieħed il-parir legali, madanakollu f'dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti, l-akkużat Clayton Azzopardi jinnega illi huwa ħa dan il-parir fejn, imbagħad f'din l-istqarrija jipproċedi biex iwieġeb għal kull mistoqsija li ssirlu u f'dawn it-tweġibiet ma jagħmel ebda dikjarazzjoni nkriminatorja.

**17**. Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Ibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-insenjament tramandat mill-QEDB fis-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jkun miċħud.

**18.** **"Farrugia vs Malta"** (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs Malta"** (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi '***systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing***'. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom.

**19.** Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:

> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***

**20.** Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti huwa bil-wisq evidenti li dan it-test qatt ma jista' jkun superat billi ma hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-akkużat, illum appellat, kellu jkun imċaħħad minn dan il-jedd, għajr għal fatt illi dan id-dritt tal-presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ma kienx maħsub fil-liġi f'dak iż-żmien.

**21.** Madanakollu dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inamissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-'*overall fairness*' tal-proċeduri jinneċċesita stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti. Il-QEDB fasslet lista mhux

eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:

> (a) *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
> (b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
> (c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
> (d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
> (e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
> (f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
> (g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
> (h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
> (i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
> (j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

**22.** Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalHa evidenti, f'dan l-istadju, li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ

preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

**23**. Illi huwa minnu illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tagħHa sa reċentement kienet bdiet tidderiġi lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali sabiex iwarrbu din il-prova mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan bis-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jagħti r-rimedju kostituzzjonali lil kull persuna li mhux biss ikunu inkisrulha id-drittijiet fondamentali tagħha, jew li jkunu qed jiġu hekk miksura, iżda li potenzjalment jistgħu isofru minn leżjoni bħal din għaliex jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[4] Madanakollu fl-aħħar deċizjonijiet mogħtija mill-imsemmija Qorti jidher illi din id-direzzjoni mhijiex qed tkun indikata. Kien hekk deċiż:

> **10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.**
>
> **11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. ....**
>
> **13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, Martin Dimech v. Malta tat-2 ta' April 2015 u Tyrone Fenech et v. Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.**

---

[4] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat

**14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea: "applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 1 and 4 of the Convention, for non exhaustion of domestic remedies"**

**15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.**

**16. <u>Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha[5].</u> Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.**

**17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-**

[5] Sottolinjar tal-Qorti

**proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.**

**18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.**

**19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.**

**20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju. tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.**

**21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ Carmel Camilleri v. Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:**

> **«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »**

**22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza Roderick Castillo v. Avukat Generali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri**

**kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:**
**"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara flistadju tal-appell"**[6]

**24.** F'sentenza oħra mogħtija fl-istess jum ingħad similment:

**10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.**[7]

**25.** Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet ir-*Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2023 kien deċiż:

**21. B'referenza għall-każ tar-rikorrent il-Qorti tosserva:-**
**i. Ir-rikorrent tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu qabel interrogawh il-pulizija u waqt l-interrogazzjoni kellu l-assistenza ta' interpretu. Inoltre qabel bdiet l-interrogazzjoni kien imwissi li m'għandux obbligu jitkellem, u dak li jgħid jista' jinġieb bi prova. Fl-aħħar tal-istqarrija jingħad ukoll li għamel l-istqarrija volontarjament, mingħajr theddid jew biża, wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġi. Jingħad ukoll li nqrat lilu mill-interpretu Imelda Fede u li ma ried jibdel xejn minnha u ffirmaha.**
**ii. F'dan il-każ hemm involut l-interess pubbliku meta tqis li jitratta dwar każ ta' allegat traffikar ta' droga.**
**iii. Fil-proċedurali kriminali r-rikorrent għandu dritt li jikkontesta l-veraċità u l-awtentiċità tal-istqarrija li ta lill-pulizija.**
**iv. Il-każ tal-prosekuzzjoni mhuwiex bażat biss fuq l-istqarrija tarrikorrent. Hemm provi oħra;**
**v. Waqt il-ġuri ser jinstemgħu *viva voce* dawk kollha li setgħu xehdu waqt il-kumpilazzjoni, salv xi impediment leġittimu;**
**vi. F'każ ta' sejbien ta' ħtija r-rikorrent għandu l-jedd li jappella mis-sentenza;**
**vii. M'hemm l-ebda prova li tagħti wieħed x'jifhem li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli meta ta stqarrija lill-pulizija;**

---

[6] Emmanuel Spagnol vs Avukat Generali et – Constitutional Court – 31/05/2023
[7] Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – Constitutional Court – 31/05/2023

**viii. Ovvjament għadu mhux magħruf x'ser jingħad fl-indirizz tal-Imħallef li ser tkun qiegħda tippresjedi l-Qorti Kriminali.**

**Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlitha ċara li l-kwistjoni tal-istqarrija ma kellhiex tieqaf ma' dik is-sentenza, u anzi l-ġudikant fl-indirizz lill-ġurati kellu jidħol fil-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija f'każ li ma ttieħditx skont il-liġi, u kif ukoll jagħti direzzjoni lill-ġurati jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li jissemmew fil-linji gwida li ngħataw fis-sentenza tal-Grand Chamber tal-QEDB li ngħatat fil-każ Beuze v. Belgium tal-2018 (ara paġna 46 ta' dik is-sentenza).**

**22. Meta tqis dawk iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq għadu ntatt u lanqas ma jista' jingħad li l-fatt li l-istqarrija tibqa' fl-atti x'aktarx ser iwassal għall-ksur ta' dak il-jedd fundamentali. Hu biss ladarba jintemmu l-proċeduri kriminali u jiġi kkunsidrat dak kollu li jkun sar waqt il-proċeduri kriminali li qorti tkun f'pożizzjoni li tagħmel konsiderazzjonijiet u tagħmel ġudizzju fuq dak kollu li jkun seħħ waqt il-proċess kriminali.**

**23. Għalhekk is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-akkużat li l-istqarrija mogħtija fl-assenza ta' avukat hi inammissibbli bħala prova, ma kisritx il-jedd ta' smigħ xieraq tal-akkużat u lanqas jista' jingħad li x'aktarx ser tikser dak il-jedd. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li b'dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali tat gwida lill-Qorti Kriminali intiża sabiex jiġi salvagwardat il-jedd ta' smigħ xieraq tal-akkużat waqt il-ġuri.**

**24. Hu minnu li hemm sentenzi fejn din il-Qorti rrakkomandat jew ordnat li titneħħa l-istqarrija li jkun ta l-akkużat fl-istadju qabel ikun tressaq il-Qorti. Rimedju jingħata fejn qorti tkun sabet ksur ta' jedd fundamentali jew x'aktarx ksur tiegħu. Però dik ir-rakkomandazzjoni jew ordni ssir biss biex kemm jista' jkun tkun evitata l-possibbiltà li b'xi mod ikun imptappan il-proċess kriminali, u għalhekk *ex abundanti cautela*. Rakkomandazzjoni jew ordni li mhumiex rimedju per se ġialadarba m'hemmx dikjarazzjoni li seħħ ksur jew x'aktarx iseħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Għalhekk l-argument tar-rikorrent li b'dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2021, qiegħed joħloq inċertezza legali minħabba dak li ddeċidiet din il-Qorti fl-istess jum fl-appell Morgan Onuorah v. L-Avukat tal-Istat (176/2019) hu skorrett. Fiċ-ċirkostanzi l-fatt li tkun saret rakkomandazzjoni jew ingħatat ordni simili ma jfissirx li hekk għandu jibqa' jsir u li jekk ma jsirx hekk ikun ifisser li m'hemmx ċertezza legali. Hu x'inhu kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. M'hemmx dubju li meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha s-sentenza talQorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2021, ma kisritx il-jedd fundamentali ta' Militello għal smigħ xieraq u lanqas**

> **ma jista' jingħad li x'aktarx ser tikser dak l-istess jedd. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat gwida lill-Qorti Kriminali dwar kif għandha tipproċedi sabiex anzi jiġi aċċertat li ma jkun hemm l-ebda periklu ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għal dak li jikkonċerna l-istqarrija li ta l-akkużat**

**26**. Illi l-Qorti Kostituzzjonali, għalhekk, kienet tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri ma kellhiex tużurpa il-funzjoni tal-qrati ta' kompetenza penali li f'idejhom hija fl-aħħar mill-aħħar fdata is-setgħa li jiddeċidu dwar il-valur probatorju tal-evidenza u li għalhekk ma għandhomx jkunu diretti, filwaqt li l-każ ikun għadu ma ntemmx, sabiex iwarrbu prova li sa dan l-istadju għadha prova valida mhux mittiefsa minn ebda difett proċedurali.

**27**. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan madanakollu illi l-ewwel parti ta'l-istqarrija u ċioe' minn dik il-parti fejn l-appellat jiġi mistoqsi jekk ikkonsultax mal-avukat tal-fiduċja tiegħu sat-tweġiba tiegħu "**R: Imma għidtlek hekk għax kont il-qorti w kelli l-appell.",** għandha titħassar u dan sabiex ma jinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati il-fatt illi l-appellat kellu proċeduri oħra fil-konfront tiegħu fil-qorti. Illi wkoll fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxata mill-appellat jekk jirriżulta illi din ma ttieħditx skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata**.** Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

**28**. L-appellant Avukat Ġenerali jikkritika s-sentenza appellata fejn din skartat wkoll l-istqarrija ta' Carmel Debono eżebita in atti kumpilatorji a fol.61 *et seq*. Illi kif tajjeb delinjat fis-sentenza appellata l-imsemmi Carmel Debono tressaq il-qorti flimkien mal-appellant mixli bl-assoċjazzjoni fil-bejgħ u traffikar ta' droga fl-istess proċess penali, bil-Prosekuzzjoni fl-istadju inizjali tal-proċeduri teżebixxi l-istqarrijiet kemm ta' Azzopardi

kif ukoll ta' Debono, allura ko-imputati. Illi permezz ta' rinviju datat is-26 ta' Ottubru 2015, l-Avukat Ġenerali talab sabiex issir is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tal-imputati, bil-Qorti Istruttorja taderixxi ruħha ma' din ir-rikjesta fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2016. Fir-rinviju li segwa imbagħad, l-Avukat Ġenerali talab sabiex jixhed Carmel Debono fil-proċeduri kontra l-appellat, issa mifruda minn dawk ta' Debono. Debono, iżda, għalkemm jieħu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016, jagħżel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu billi l-proċeduri tiegħu kienu għadhom pendenti. Ġara, iżda, illi permezz ta'dikjarazzjoni tal-14 ta' Settembru 2017 magħmula a tenur tal-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dehrlu li ma kienx hemm biżżejjed provi fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra Carmel Debono sabiex l-istess Debono jitqiegħed taħt Att ta'l-Akkuża. Għalkemm kien hemm din id-dikjarazzjoni, madanakollu, l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx lil Debono biex jixhed, billi l-proċeduri penali kontra tiegħu kienu ntemmu bin-*nolle prosequi* ta'l-Avukat Ġenerali. Mhux biss, iżda, lanqas meta kienet ippreżentata l-Att ta'l-Akkuża odjerna fil-konfront ta'l-appellant, ma kien indikat mill-Avukat Ġenerali l-imsemmi Carmel Debono bħala xhud tal-Prosekuzjoni għalkemm f'dan l-istadju l-Avukat Ġenerali kien ben konxju tal-fatt illi Debono ma kienx għadu jiffigura bħala ko-akkużat.

**29.** Issa kif tajjeb stqarret il-Qorti Kriminali, l-istqarrija eżebita in atti ma hijiex dik lil jitkellem dwarha l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma hijiex ikkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat kif indikat fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Dan ifisser illi l-istqarrija rilaxxata minn Debono ma taqax taħt l-eskluzjoni maħsuba fl-artikolu 30A tal-Kap.101 għar-regola imfassla fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali[8]. Illi ukoll minn qari tal-istqarrija rilaxxata minn Debono, ma jirriżultax illi din tikkostitwixxi xi konfessjoni minn naħa tiegħu billi fl-ebda mument ma jammetti xi involviment f'xi konġura kriminali intiża biex tinbiegħ jew tiġi traffikata id-droga. Fil-fatt fl-istqarrija tiegħu huwa jiċħad kategorikament l-involviment tiegħu fil-kummissjoni tar-reati li kienu lilu addebitati *a tempo vergine*. Tajjeb li jingħad illi meta l-

[8] 'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

prosekuzzjoni eżebit l-istqarrija ta' Carmel Debono din kienet tikkostitwixxi prova fil-kumpilazzjoni tal-provi fil-konfront ta'l-imsemmi Debono, li f'dak iż-żmien kien ko-akkużat flimkien mal-appellat Azzopardi. Il-prova ma kenitx intiża bħala evidenza kontra jew favur Azzopardi. Tant hu hekk illi ma jidhirx illi l-Avukat Ġenerali la insista illi dan Debono jittella' jixhed fil-kumpilazzjoni wara li l-proċess penali fil-konfront tiegħu intemm, u lanqas jindikah bħala xhud tal-Prosekuzjoni fil-Lista tax-Xhieda anness mal-att ta'l-akkuża. Dan ifisser illi sabiex Debono jinġieb bħala xhud biex jixhed matul il-ġuri, l-Avukat Ġenerali irid jitlob il-permess speċjali tal-Qorti fit-termini ta'l-artikolu 440(3)u (4) tal-Kodiċi Kriminali, ħaġa li l-Avukat Ġenerali sa issa għadu ma għamilx. Kwindi f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jidhirx illi din l-istqarrija tista' tinġieb bħala prova mill-Prosekuzjoni diment illi ma ssirx it-talba fit-termini ta'l-artikolu 440(3) tal-Kodiċi Kriminali liema talba tista' biss tkun milqugħa mill-Qorti jekk "***il-prova hija rilevanti, u l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat ma jkunx bata ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet mogħtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-preżentata ma tkunx saret fiż-żmien speċifikat fl-artikolu 438***."

**30.** Jingħad ukoll illi l-artikolu 434 jipprovdi illi għalkemm imputat jkun ġie lliberat minħabba li ma jkunx ġie ippreżentat l-att ta' akkuża fil-konfront tiegħu mill-Avukat Ġenerali, "jibqa' dejjem suġġett għal proċedura mill-ġdid, li tinbeda regolarment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kull meta jinqalgħu provi ġodda" u ċioe' dawk il-provi "li fiż-żmien tal-liberazzjoni tal-imputat ma kinux jeżistu, jew ma kienx jaf bihom min kellu l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali." Dan ifisser illi l-imsemmi Carmel Debono jibqa' dejjem soġġett għal proċeduri penali fuq il-każ in diżamina sabiex b'hekk jibqa' fuq saqajh favur tiegħu d-dritt tas-silenzju.

**31.** Illi fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-appell fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Bartolo**[9], kien spjegat l-użu li jista' jsir minn stqarrija ta' xhud fil-ġuri meta kien hekk deċiż:

> **"Il-principju illi d-dikjarazzjonijiet precedenti huma ammissibbli ghall-fini tal-kontradditorju, cjoe' biex jigi kkontrollat ix-xhud li jkun qed jixhed diversament minn dak li jkun iddikjara qabel (ez. waqt l-inkjesta magisterjali jew waqt il-kumpilazzjoni), izda li l-istess dikjarazzjonijiet precedenti ma jaghmlux provi tal-kontenut taghhom in sostituzzjoni ghal dak li jkun qed jigi deponut viva voce fil guri, huwa principju illi gie stabbilt fil-Common Law qabel ma gie importat fis-sistema taghna u kkodifikat. L-argument favur din ir-regola ortodossa, u cjoe' illi previous inconsistent statements m'ghandhomx ikunu ammessi bhala prova for the truth of their contents, izda biss biex jigi kkontrollat ix-xhud, tidher li hija bbazata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. (a) Ic-cirkostanza li hafna drabi tali dikjarazzjoni precedenti tkun jew tista tkun, inghatat minghajr gurament; (b) L-inabilita' ta' min irid jiggudika fuq il-fatti illi jivvaluta l-komportament tax-xhud fil-mument illi jkun ghamel dik d-dikjarazzjoni u li ghalhekk jaghmel il-gudizzju serju fuq il-kredibilita' fil-mument meta l-istess dikjarazzjoni tkun saret. (c) In-nuqqas ta' kontro-ezami kontemporanju mill-akkuzat lix-xhud li jkun ghamel dik l-istqarrija precendenti il-mument illi jkun ghamilha. Ma' dawn ir-ragunijiet ghandha tizdied raguni ohra li hija ta' importanza fondamentali u li ghandha parmetri ta' indoli Kostituzzjonali, u cjoe' illi wiehed mill-principji fondamentali tal-process penali huwa illi xejn ma jista' jsir fl-assenza ta' l-imputat jew l-akkuzat hlief dak li hu permess mil-ligi bhala eccezzjoni. Minn mindu dan il-principju gie introdott fis-sistema tradizzjoniali tal-Common Law, l-istess kien suggett ghall-kritika varja li wasslet biex f'certi pajjizi appartenenti ghal din it-tradizzjoni legali, immodifikaw din ir-regola u f'certu kazi anke eliminawha. Ir-regoli u l-principju ta' procedura penali u ta' evidenza importanti fis-sistema taghna u eventwalment kodifikati kemm fit-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, kif ukoll, fejn applikabbli, fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jirriflettu l-maggor-parti tar-regoli u principji kif kienu vigenti fin-nofs tas-Seklu l-iehor fis-sistema Anglo-Sassoni u partikolarment fl-Ingilterra u fl-Iskozja. Pero', filwaqt li, anke minhabba s-sistema anglo-Sassoni kif inhi, dawn ir- regoli gew perjodikamnet assoggettati ghal revizjoni f'diversi pajjizi li jsegwu dik it-tradizzjoni u kultant, anzi, gew immodifikati radikalment jew addirittura mibdula b'regola kuntarji f'Malta, ir-regoli u l-principji, salv xi eccezzjonijiet, baqghu kif gew originalment introdotti fil-Kodicijiet imsemmija u fejn intmissu dan sar legislattivament. <u>Dak li ghandhom jiehdu in konsiderazzjoni l-gurati huwa dak li jkun gie depost quddiemhom u mhux dak li jkun intqal f'sede ohra. Dak li l-istess xhieda setghu jkunu qalu f'okkazjonijiet precedenti ghandu l-importanza tieghu biss</u>**

[9] Deċiża 19/08/1996

**<u>jekk u meta jintuza biex dak l-istess xhud jigi kkontrollat fix-xhieda tieghu</u>......"**

**32.** F'dan il-kwadru probatorju għalhekk l-Qorti hija tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li tilqa' din l-eċċezzjoni tal-akkużat hija waħda ġusta u dan għaliex mhux biss l-istqarrija ta' Debono kienet ippreżentata unikament bħala prova fil-konfront tiegħu fil-kumpilazzjoni, iżda ukoll għaliex ix-xhud la iddepona quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex jikkonferma o meno dak dikjarat minnu u lanqas ser jinġieb biex jixhed fil-ġuri u dan għaliex mhuwiex wieħed mix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant l-aggravju ta'l-Avukat Ġenerali marbut ma' din l-eċċezzjoni qed jkun miċħud.

**<u>L-appell ta'l-akkużat Clayton Azzopardi fir-rigward tal-eċċezzjonijiet bin-numru 4, 5, 7, 8, 12 u 14.</u>**

**33**. Sorvolat l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali, jifdal biex jkun kkunsidrat l-appell intentat mill-appellant Clayton Azzopardi li ħassu aggravat limitament minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienu miċħuda l-eċċezzjonijiet bin-numru 4, 5, 7, 8, 12 u 14, liema aggravji il-Qorti ser titratthom *serjatim* kif miġjuba fir-rikors tal-appell.

**A. <u>Eċċezzjoni numru 4: l-procedura tal-kumpilazzjoni hija nulla ghaliex ma hemmx esebit in atti d-digriet t'assenjazzjoni mill-Prim'Imhallef sabiex il-Qorti Struttorja tigi presedjuta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras</u>.**

**34**. L-appellant, fl-aggravju minn ntentat fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, jikkontendi illi għalkemm il-Qorti Kriminali tatu raġun meta ndikat illi d-digriet tal-assenjazzjoni tal-kumpilazzjoni minn għand il-Maġistrat Neville Camilleri għal għand il-Maġistrat Natasha Galea Sciberras ma jinsabx eżebit fl-atti, madanakollu għaddiet biex tiċħad din l-eċċezzjoni billi qieset illi din il-karenza fl-atti proċesswali ma kenitx twassal għal xi nullita' għaliex tammonta għal nuqqas amministrattiv. Jisħaq illi dan in-nuqqas isarraf f'nullita' billi huwa nieqes l-ordni tal-Prim'Imħallef illi l-kawza għandha tinstema' minn

ġudikant u mhux minn ieħor sabiex b'hekk dan ifisser illi l-Maġistrat Galea Sciberras qatt ma kellha is-setgħa li tkompli tisma' l-kawża u tikkompila l-provi. Fil-fehma tiegħu dana jammonta għal ksur ta' dak dispost fil-Kostituzzjoni, fl-artikolu 101A(13), liema ksur jimporta ulterjorment ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

**35**. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

**"Ghalkemm huwa minnu illi d-digriet t'assenjazzjoni ma jinstabx in atti, madankollu dan ma jirrendix il-kumpilazzjoni nulla. Johrog bic-car illi huwa l-Prim Imhallef li jiddecidi min mill-gudikanti ghandu jisma' l-kawza. Illi ma jihdirx illi f'xi stadju tal-kumpilazzjoni l-akkuzat oggezzjona ghal dan il-fatt jew qajjem xi nullita' dwar il-mod kif kienet saret tali assenjazzjoni. Ghalhekk isegwi illi l-akkuzat ghazel ghalhekk li joqghod ghal gurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja kif ippresjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras assenjata biex tisma' l-kumpilazzjoni."**

**36.** Illi mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2021, jirriżulta illi l-kumpilazzjoni dak in-nhar kellha tiġi differita billi l-Maġistrat sedenti kien ġie elevat għal Imħallef, bl-atti għalhekk jerġgħu jkunu rinvijati għand l-Avukat Ġenerali, li jirrinvija l-atti lura lil Qorti Istruttorja permezz ta' rinviju datat il-21 ta' Ġunju 2021. Illi mill-verbal tas-seduta ta' wara, u ċioe' dak tat-30 ta' Ġunju 2021, jidher illi l-kumpilazzjoni issa bdiet tinstema' mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras.

**37.** Illi din il-Qorti, mingħajr tlaqliq tgħid illi l-appellant m'għandux raġun fl-aggravju minnu ntentat. Dan għaliex mhux biss kif tajjeb qalet il-Qorti Kriminali l-appellant ma ġibidx l-attenzjoni tal-Qorti Istruttorja għal dak li dehrlu kien nuqqas fil-proċess penali istitwit kontrih, ħalla kollox għaddej u ma sab ebda oġġezzjoni illi l-każ ikun ippresjedut mill-ġudikant lil lilha kien ġie assenjat, <u>**iżda u fuq kollox**</u> għaliex il-liġi stess ma tinneċċessitax illi l-Ordni tal-assenjazzjoni tad-doveri jkun eżebit fl-atti proċesswali sabiex jagħmel stat bejn il-partijiet. Fil-fatt dan lanqas għandu jkun eżebit in atti.

**38.** Illi l-Qorti issejjes din l-affermazzjoni minnha magħmula fuq dak li jipprovdi l-artikolu 11(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għall-Maġistrati permezz tal-artikolu 15, fejn hemm dispost testwalment:

> **"Kull assenjazzjoni, tibdil jew surroga magħmulin mill-President ta' Malta, u kull tqassim ta' dmirijiet in ġenerali, u kull assenjazzjoni ta' każijiet bħala riżultat ta' rikuża jew astensjoni magħmula mill-Prim Imħallef jew, kif ikun il-każ, mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11), għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha jekk jitwaħħal avviż dwarhom f'dak ir-reġistru li l-Ministru jista' jippreskrivi għal dan il-għan taħt l-artikolu 27 qabel jew malli jibda il-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil, dik is-surroga jew dak it-tqassim għandhom iseħħu."**

**39.** Fuq l-istess binarju jitkellem l-Avviż Legali 38 tal-1990, Regolamenti dwar l-Assenjazzjoni ta' Dmirijiet lill-Maġistrati, (L.S. 12.08) fejn fir-regolament 2(2) hemm dispost testwalment illi:

> **"Kull assenjazzjoni ta' dmirijiet, tibdil u taqsim ta' dmirijiet in ġenerali, dwar il-maġistrati, għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha jekk jitwaħħal avviż dwarhom fir-reġistru tal-qrati tal-maġistrati qabel jew malli jibda l-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil jew dak it-taqsim għandu jseħħ."**

**40.** Illi għal kull buon fini l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tal-Ordni ta'l-Assenjazzjoni tad-Doveri fejn anness magħha hemm lista tal-kawżi li kienu assenjata mill-Maġistrat Neville Camilleri għall-Maġistrat Natasha Galea Sciberras, li fosthom hemm il-kumpilazzjoni odjerna, liema Ordni ġiet imwaħħla fil-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali mir-Reġistratur tal-istess qrati skont l-artikolu 11 tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili fil-11 ta' Ġunju 2021. Dan ifisser illi ebda nullita' ma tista' tkun ravviżżata fil-proċeduri kumpilatorji u dan għar-raġuni miġjuba mill-appellant, illi l-Ordni tal-assenjazzjoni ma hijiex inserita in atti, għaliex dan mhuwiex meħtieġ bil-liġi. Hekk kif isir it-twaħħil mir-Reġistratur tal-Qorti tal-assenjazzjoni tad-doveri kif ordnat mill-Prim'Imħallef, dan għandu iservi ta' notifika *erga omnes*. Lanqas għalhekk ma jista' l-appellant jilmenta minn xi nuqqas ta' smigħ xieraq billi ebda wieħed mid-drittijiet tiegħu ma kien ikkalpestat minħabba li ma kienx hemm l-Ordni ta' assenjazzjoni tad-

doveri lill-Maġistrat Galea Sciberras eżebit in atti. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**B. Eċċezzjoni numru 5: il-kumpilazzjoni u kif ukoll l-investigazzjoni huma nulli stante illi l-akkuzat ma kienx inghata id-dritt ghad-disclosure fi stadju ta' investigazzjoni anke stante illi dan id-dritt ma kienx koncess taht il-ligi Maltija f'dak iz-zmien, liema nuqqas mhux biss wassal ghal actual prejudice f'dan il-kaz izda eventwalment gie rimedjat, permezz tal-emendi fil-kodici Kriminali fl-Artikolu 534AB. ... Illi sussidjarjament l-isfilz ta' dawk il-provi, xhieda u dokumenti kollha inkluz fl-inkjesta li ma inghatawx lill-akkużat bhala *diclosure* fil-waqt tal-investigazzjoni. Illi fost l-oggetti li ghandhom jigu mnehhija mill-atti hemm il-filmat li allegatament ittiehed minn Trevor Cassar Mallia u illi qatt ma inghata lill-akkuzat bhala *disclosure* fil-waqt tal-investigazzjoni tieghu**.

**41.** L-appellant f'dan l-aggravju jilmenta mill-fatt illi l-Qorti Kriminali għażlet li jew tinjora jew inkella tiskarta l-argumenti imressqa minnu in konnessjoni ma' din l-eċċezzjoni. Injorat għal kollox, fil-fehma tiegħu, it-talba sussidjarja magħmula minnu, fin-nuqqas li t-talba għan-nullita tkun milqugħa, illi jkun hemm l-isfilz tal-provi, xiehda u dokumenti kollha, nkluż l-inkjesta, li ma kenux lilu żvelati qabel l-interrograzzjoni tiegħu. Illi jisħaq li kienet il-Qorti Kriminali li kellha tagħtih rimedju għal dan in-nuqqas ta' *disclosure* billi tordna l-isfilz ta' kull evidenza li ma ġietx lilu magħrufa fl-istadju qabel tressaq il-qorti u dan b'rispett lejn il-prinċipju tal-parita' tal-armi. Dan għalkemm il-Qorti Kriminali irrikonoxxiet illi dan in-nuqqas jista' iwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

**42.** Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

> **"Dan maghdud huwa evidenti illi ghalkemm in-nuqqas min-naha tal-Prosekuzzjoni li tghaddi informazzjoni preventivament lill-akkuzat dwar kull evidenza materjali li ghandha f'idejha u li se tintuza fil-process gudizzjarju intavolata kontrih jista' jiwassal ghal lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq madanakollu dan in-nuqqas, jekk jirrizulta, ma jwassalx ghan-nullita'."**

**43**. Illi kif tajjeb stqarret l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata l-jedd li l-persuna tingħata aċċess għal materjal tal-każ sar parti mid-dritt penali nostran permezz ta'l-Att

IV tal-2014. Illi allura dan id-dritt ma kienx jeżisti fiż-żmien li l-appellant kien arrestat u interrogat. Dan ifisser illi l-proċeduri kriminali li ġew imnehdija kontra l-appellant mill-mument tal-arrest tiegħu saru skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Illi l-għan wara d-dritt tal-aċċess għal materjal u l-evidenza huwa li l-persuna suspettata jew akkużata ikollha żmien biżżejjed mhux biss biex tissindika l-validita' tal-arrest tagħha, fil-każ li dik il-persuna tinsab arrestata u/jew detenuta, iżda ukoll sabiex ikollha żmien biżżejjed biex tipprepara id-difiża tagħha, u dan kif hemm imfisser fis-subartikoli (2) u (3) għall-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali. Illi dan id-dritt ta'l-aċċess kif imfisser fil-liġi għandu jingħata "**mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża.**" Issa żgur u mhux forsi illi matul il-kumpilazzjoni tal-każ, l-evidenza kollha li kellha l-Prosekuzzjoni ġiet imressqa fil-qorti, tant illi l-appellant għandu f'idejh, qabel il-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u allura meta ser isiru s-sottomissjonijiet fuq il-merti tal-kawża, l-materjal kollu li l-Prosekuzjoni għandha f'idejha biex b'hekk huwa għandu żmien biżżejjed biex jipprepara id-difiża tiegħu. Dan ifisser illi ser jibqgħu mhux mittiefsa l-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq u skont il-liġi. Jikonsegwi għalhekk, illi ma hemm ebda lok li jkun hemm l-isfilz ta' ebda evidenza billi din ġiet ikkumpilata bil-għan, fuq kollox, li l-appellant ikollu *a full disclosure* tal-provi kollha li l-Prosekuzjoni bi hsiebħa tressaq waqt il-ġuri, f'liema mument allura l-mertu tal-każ ser ikun dibattut.

**44**. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jingħad ukoll illi ebda prova ma titqiesx li hija inammissibbli diment li ma jkunx hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem. Issa huwa ndubitat illi ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li ġġib xi nullita' tal-kumpilazzjoni jew addirittura tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija għaliex il-persuna suspettata ma tkunx ingħatat aċċess għal xi evidenza, kif lanqas hemm xi disposizzjoni tal-liġi li tirrendi inammissibbli xi evidenza materjali li ma tkunx ġiet svelata lis-suspettata mal-arrest tiegħu. Fuq kollox, kif ingħad, l-appellant llum għandu f'idejh l-evidenza kollha li ser tinstema' fil-ġuri. Ma jistax jingħad għalhekk illi kien hemm xi vjolazzjoni tal-jedd mogħti fl-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm din id-disposizzjoni tal-liġi

ma kenitx viġenti fiż-żmien tal-arrest tiegħu, billi l-evidenza kollha hija f'idejh u f'idejn id-difensuri tiegħu bil-għan illi "**tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.**" Lanqas ma jista' jingħad illi l-aċċess għall-evidenza materjali ma ingħatax fi żmien xieraq "**sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża**[10]", iktar u iktar meta l-proċess ġudizzjarju għad irid jiġi ċċelebrat. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

C. **Eċċezzjoni numru 7: l-isfilz tar-relazzjonijiet u x-xhieda ta' PC 1525 Patrick Farrugia (a fol. 78 tal-inkjesta) li gie moghti l-inkarigu jaghmel ezamijiet kimici ghall-evidenza ta' impronti digitali fuq dokumenti kkonsenjati lilu, PS1238 Clive Brimmer (a fol. 124 tal-inkjesta) li gie moghti l-inkarigu jiehu l-impronti digitali tal-akkuzat u jaghmel l-komparazjonijiet mal-lifters elevati u Joseph Mallia li gie moghti l-inkarigu sabiex jiehu l-impronti digitali u tal-palma tal-id taz-zewg imputati (a fol 223 tal-atti processwali) , u dana stante illi l-analizi ta' kull wiehed minn dawn ix-xhieda saret f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat. Illi oltre minn dan, ma jezisti xejn fl-atti illi jitfa' dawl fuq kif ittiehdu dawn l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn, kif gew ppreservati, x'tip ta' salvagwardji ittiehdu, xi procedura giet adoperata, xi procedura specifika intuzat u jekk hux b'metodu xjentifiku rikonnoxut, minn fejn gew elevati, x'kontaminazzjoni seta' kien hemm u jekk ittiehdux skont kif jiddettaw ir-regoli tal-procedura fejn tidhol evidenza li ghandha tingieb quddiem il-Qorti. ) Illi jekk il-metodu operattiv kien limitat ghal analizi vizwali, ma jistax jinghad illi dan huwa wiehed essenzzjalment korrett stante li m'huwiex bizzejjed illi espert fil-metodu ta' analizi jaghmel analizi biss fuq ghajnejh stante il-human error li tista' tqarraq u ma taghtix rizultat preciz.**

**45**. Illi l-appellant jikkritika s-sentenza appellata meta din kkonkludiet illi ġaldarba l-esperti qdew l-inkarigu lilhom mogħti fl-ambitu ta' inkjesta maġisterjali kwindi tonqos il-ħtieġa li tkun issindikata l-metodolġija u l-prattika minnhom addottata fl-eżerċizzju ta'l-imsemmi inkarigu. L-appellant huwa tal-fehma illi f'materja ta' analiżżar ta' impronti diġitali u xogħol ta' komparazzjoni mal-*lifters* elevati minn fuq l-eżebiti huwa id-dmir tal-Qorti illi tagħrbel il-mod kif kienet eżaminata u preservata din l-evidenza. L-appellant jipprova ixejjen din l-evidenza dattilografika mhux biss għaliex jisħaq illi l-

[10] Diċitura tal-liġi

eżami tal-istess sar f'laboratorju mhux akkreditat skont il-liġi, iżda ukoll għaliex, fil-fehma tiegħu, il-metodu użat mill-esperti fil-qadi tal-inkarigu lilhom mogħti u il-mod kif din l-evidenza ġiet eżaminata u ippreservata hija difettuża.

**45**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

> **"Ghaldaqstant, stante li r-relazzjonijiet li talab l-isfilz taghhom l-akkuzat gew mwettqa qabel id-dhul fis-sehh ta' L.S. 460.31 din il-Qorti lanqas ser tidhol fuq jekk il-laboratorju fejn sar ix-xoghol in kwistjoni kienx akkreditat o meno u dan ghaliex ir-regolament 8(2) sucitat huwa car. Ghalhekk din il-Qorti qedgha tichad l-eccezzjoni 7(i) tal-akkuzat.**
>
> **Fir-rigward tal-eccezzjonijiet innumerati 7(ii) u 7(iii), l-akkuzat qieghed jghid illi r-rapporti tal-esperti koncernati ma jindikaw bl-ebda mod l-*modus operandi* u t-teknika wzata sabiex l-esperti waslu ghall-konkluzjonijiet li waslu ghalihom u l-analizi vizwali mhux bizejjed li din il-Qorti tistrieh fuqu u dan minhabba l-*human error*. Din il-Qorti ssostni illi mhux rikjest bil-ligi illi l-esperti jispjegaw il-*modus operandi* u teknika wzata. Oltre minn hekk, dawn huma esperti, mahtura minn Magistrat Inkwerenti u kkonfermati wkoll mill-Magistrat/i li ppresedew fl-Istruttorja u ghaldaqstant ma tarax ghalxiex ma ghandiex tistrieh fuq il-metodologija u l-prattika minnhom mistharrga."**

**46**. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju imressaq mill-appellant, l-Qorti terġa ttenni illi hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilita' tal-evidenza u l-valur probatorju tagħha. Illi għalhekk huwa biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jista' jkun stabbilit il-metodu kif l-marki tas-swaba kienu elevati, ippreservati u eżaminati u dan meta jixhdu l-esperti nominati, kemm fl-inkjesta kif ukoll fl-istruttorja, sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ma tistax l-Qorti tiskarta evidenza *a priori* li hija rilevanti u ammissibbli. Issa jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza, jekk dik l-evidenza setatx kienet ikkontaminata, jekk l-konluzjonijiet milħuqa mill-esperti humiex fjakki u dubbjużi, hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita unikament fil-kors tal-ġuri meta tibda' tinstema x-xiehda f'dan il-każ. Illi allura jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti ma hijiex b'saħħitha biżżejjed għaliex mittiefsa minn xi difett fil-ġbir, preservazzjoni jew eżami tagħha, allura titlef mill-valur probatorju u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika l-fatti jistrieħ fuqha sabiex isejjes id-deċiżjoni tiegħu.

**47.** Illi minn eżami tal-atti tal-inkjesta kif ukoll dawk kumpilatorji jemerġi illi PC1525 Patrick Farrugia kien ġie maħtur mill-Inkwirenti sabiex ifittex u jirrelata dwar marki tas-swaba li setgħu kienu preżenti fuq dokumenti lilu mgħoddija mill-uffiċjal tax-xena tar-reat PS644 Evan Camilleri. Illi l-Inkwirenti kien ukoll ħatar lil PS1238 Clive Brimmer sabiex fil-kors tal-isħarriġ dwar l-*in genere* jeleva l-impronti diġitali u palmari tal-appellant, allura suspettat, u jagħmel eżamijiet ta' komparazzjoni ma' dawk elevati mill-espert Farrugia. Illi fil-kors tal-Istruttorja, l-qorti tal-kumpilazzjoni ħatret espert mill-ġdid, Joseph Mallia, sabiex wara li jeleva l-impronti diġitali u palmari tal-appellant jagħmel eżami komparattiv għal darb'oħra. Illi l-isemmi espert reġa' eleva dawn l-impronti *seduta stante* quddiem l-Istruttur u fil-presenza tal-akkużat. Illi l-konkluzjonijiet raġġunti minn dan l-espert u mill-espert maħtur mill-Inkwirenti Clive Brimmer huma l-istess, bil-*lifters* bil-kodiċi 10AVXNH5, 10AVXNH6, u 10AVXNH7 jkunu jaqbblu tnejn minnhom mas-subgħa tan-nofs ta'l-id x-xellugija tal-appellant, u ieħor (NH5) mas-subgħa l-werrej tal-id ix-xellugija ta'l-appellant.

**48**. Illi l-appellant jibda biex jilmenta illi ġaldarba l-eżamijiet forensiċi ma ilaħħqux il-grad ta' akkreditazzjoni llum meħtieġa bil-liġi, allura l-prova li qed tfittex biex tagħmel il-Prosekuzzjoni hija difettuża u kwindi inammissibbli. Dan għaliex l-proċess ta' akkreditazzjoni jammonta għal reviżjoni u verifika tal-kapaċità teknika ta' laboratorju li jiċċertifika l-kompetenza tiegħu biex iwettaq testijiet u analiżi speċifiċi u għalhekk in-nuqqas ta tali akkreditar awtomatikament ifisser, fil-fehma tiegħu, illi qatt ma jista' jkun żgurat illi r-riżultanzi tal-analiżijiet forensiċi jilħqu il-livelli meħtieġa fil-liġi sabiex il-prova tkun waħda li tista' tistrieħ fuqha.

**49.** Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni diversi drabi tesprimi il-fehma tagħha dwar din l-oġġezzjoni li qed tkun spiss ventilata minn persuni li qed jiffaċċjaw proċeduri kriminali, u għal darb'oħra tisħaq illi għalkemm huwa minnu illi ċertifikazzjoni dwar akkreditazzjoni huwa il-kejl li bih jista' jkun stabbilit illi laboratorju huwa kompetenti,

madanakollu n-nuqqas ta' akkreditazzjoni ma jxejjinx awtomatikament l-evidenza miksuba. Jerġa' jingħad illi tali apprezzament dwar is-saħħa probatorja ta' din l-evidenza għandha ssir unikament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex huwa f'dak l-istadju illi din l-evidenza tinġieb 'il quddiem għall-konsiderazzjoni tal-ġurati u huwa biss f'dak l-istadju, allura, illi mix-xiehda tal-espert jista' jkun stabbilit jekk din l-evidenza setatx tkun ikkontaminata minħabba xi tagħmir inadegwat jew nuqassijiet fil-proċess utilizzat biex isiru l-eżamijiet forensiċi. Illi l-liġi tipprovdi salvagwardja f'dan is-sens fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi *"min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."*

**50.** Illi kemm id-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarji, fejn id-dritt ewropew kien tramandat fil-leġislazzjoni nazzjonali, u li fuqhom jistrieħ l-appellant biex isaħħaħ l-argument difensjonali tiegħu, jipprovdu illi dawn ir-regoli u regolamenti ma jistgħu qatt ikollhom piż fuq l-evalwazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza li ssir fil-qorti. Dan għaliex l-għan wara il-liġi finalment huwa sabiex jgħin biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-laboratorji u korpi oħra billi jiġġenera aċċettazzjoni wiesgħa tar-riżultati bejn l-Istati Membri. Ir-rapporti tat-test u ċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati minn pajjiż għall-ieħor mingħajr il-ħtieġa għal aktar ittestjar, sabiex tintlaħaq dik il-koperazzjoni meħtieġa fil-ġlieda kontra l-kriminalita' fuq livell internazzjonali bil-għan li ssir l-identifikazzjoni komuni tal-persuni involuti fit-twettiq ta' tali reati u ta'l-vittmi tagħhom. Tant hu hekk illi id-Deċiżjoni Kwadru għandu l-għan jtejjeb il-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali kif jixhed it-titolu stess ta' din il-liġi.

**51**. Issa mhuwiex ikkontestat illi din il-liġi ma kenitx fuq saqajha fil-qafas leġislattiv ta' pajjiżna fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lill-appellant, u allura kienet evidenza li f'dak iż-żmien saret skont il-liġi taħt il-kappa ta' inkjesta maġisterjali. Illi mhux biss, iżda kif ingħad, il-fatt jekk il-laboratorju fejn saru l-eżamijiet forensiċi kienx akkreditat skont l-standards internazzjonali jew le ma ixejjinx il-valur probatorju ta' dik

l-evidenza, iktar u iktar fid-dawl ta' dak dispost fir-regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 li kienet promulgata bl-Avviż Legali 102 tal-2016 tad-29 ta' Marzu 2016, u allura żmien wara l-investigazzjoni odjerna, fejn jingħad testwalment:

> **(2) Dan l-Ordni ma jaffettwax il-validità, stabbilita skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, tar-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ukoll jekk il-fornitur ta' servizzi forensiċi ma kienx akkreditat bħala li jikkonforma mal-EN ISO/IEC 17025.**

**52**. Illi bl-istess kejl allura l-appellant lanqas ma għandu raġun meta jinsisti illi din l-evidenza hija inammissibli billi ma hemmx prova li titfa' d-dawl fuq kif ittieħdu dawn l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn, kif ġew ppreservati, x'tip ta' salvagwardji ittieħdu, xi proċedura ġiet adoperata, xi proċedura speċifika intużat u jekk hux b'metodu xjentifiku rikonnoxut, minn fejn ġew elevati, x'kontaminazzjoni seta' kien hemm u jekk ittieħdux skont kif jiddettaw ir-regoli tal-proċedura fejn tidħol evidenza li għandha tinġieb quddiem il-Qorti. Dan għaliex dawn il-fatturi jistgħu jemerġu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta l-esperti li huma indikati bħala xhieda mill-Prosekuzjoni jinġiebu biex jixhdu u fejn allura l-appellant ikollu kull opportunita' jistaqsihom dwar il-kompetenza tagħhom u l-metodu kif għamlu l-analiżi u jekk dan huwiex il-metodu minnu indikat fl-eċċezzjoni tiegħu. Bl-istess kejl anke jekk il-konkluzjoni li saret mill-espert saritx b'mod viżwali biss, jew inkella b'xi metodu ieħor, din hija kwistjoni ta' prova li trid temerġi waqt il-ġuri. Jingħad biss illi mill-provi kkumpilati minn imkien ma jirriżulta illi l-esperti qdew l-inkarigu lilhom mogħti b'mod viżwali. Huwa biss l-espert Patrick Farrugia li jindika illi wara li eleva l-impronti minn fuq id-dokumenti lilu mgħoddija huwa seta' jikkonstata b'mod viżwali li kien hemm uħud li kienu tajbin ai fini ta' komparazzjoni u oħrajn li ma kenux[11], u dan wara li kien mistoqsi mill-prosekuzzjoni dwar il-kwalita' tal-*lifters* elevati minnu. Madanakollu dan l-eżerċizzju finalment ma sarx minnu, izda mill-esperti Clive Brimmer u Joseph Mallia bl-eżerċizzju jsir għal darba darbtejn. Għaldaqstant għal dawn il-motivi kollha anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

[11] Ara fol.165 tal-atti kumpilatorji

## D. **<u>Eċċezzjoni numru 8: L-isfilz mill-atti s-sustanza allegatament cannabis inkluż iżda mhux biss għall-esebit K/B/355/2010 kif ukoll id-DOK AF 385/2010</u>**

**53.** Illi l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fejn din l-eċċezzjoni kienet miċħuda u dan meta jikkontendi illi dik il-Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-argumenti ta' dritt minnu imressqa 'il quddiem, jew inkella skartat jew injorat dawn l-argumenti.

**54.** Issa l-appellant qed jitlob l-isfilz tad-droga eżebita għal tlett motivi, bl-ewwel wieħed ikun dak illi din id-droga ma kenitx ikkustodita skont il-liġi mid-Direttur tas-Saħħa, kif hemm maħsub fl-Avviż Legali 121 tal-2002. Jisħaq illi għalkemm hija fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti d-deċiżjoni jekk jaħtarx persuni oħra sabiex jikkustodixxu l-oġġetti eżebiti, madanakollu hekk kif huwa jiddelga din il-funzjoni u jaħtar persuna għal dan il-għan, l-oġġetti esebiti jridu jinżammu minn dik il-persuna hekk maħtura u ma tibqax fid-diskrezzjoni tar-Reġistraur il-kustodja tagħhom.

**55**. Iddeċidiet hekk il-Qorti Kriminali dwar dan il-punt kontrovers:

> **Illi, mid-dicitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodici Kriminali, senjatament mill-kelma "jista'", jirrizulta bic-car li l-legislatur kien qieghed jaghti lir-Registratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jahtar persuna ohra biex izomm oggetti f'ismu. Li kieku l-legislatur kien qed jimponi fuq ir-Registratur obbligu sabiex huwa jghaddi certi oggetti lill-entita' terza, certament li s-setgha ma kenitx tkun wahda fakoltattiva izda tassattiva. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qedgha tichad ukoll l-eccezzjoni nnumerata 8(ii).**

**56.** Illi din il-Qorti, kif komposta, diġa' kellha okkażjoni tesprimi ruħha fuq dan il-punt ta' dritt fejn stqarret illi "għalkemm meta ġie promulgat l-Avviż Legali 121 tal-2002 jidher li dan sar bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 699 tal-Kodiċi Kriminali u kwindi saret id-delega lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-ministru responsabbli għal ġustizzja, biex jaħtar lil dawk in-nies li jistgħu jkunu fdati bl-oġġetti

eżebiti fil-qorti, kuntrarjament għad-diċitura użata fil-Leġislazzjoni Sussidjara 9.07, ma jidhirx illi għalkemm hekk nominati mir-Reġistratur dawn l-oġġetti għandhom tassattivament jiġu ikkustoditi minn nies indikati fl-imsemmi avviż. Huwa d-dmir tar-Reġistratur li jara li jaderixxi ruħu ma' dak dispost fl-artikoli 667 sa 669 tal-Kodiċi Kriminali li jpoġġi fuq spallejh l-ħarsien u il-kustodja tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali u dan sabiex jiġi assigurat illi l-katina tal-evidenza ma tinkisirx u li l-prova ma tikkontaminax ruħha. Finalment jiġi rilevat illi ebda Avviż Legali ma jista' iġib miegħu tibdil fil-liġi prinċipali li b-saħħa tagħha jsiru r-regolamenti u kwindi huwa r-Reġistratur tal-Qorti li finalment jibqa' l-kustodju ewlieni ta-oġġetti kollha eżebiti fil-qorti in konnessjoni ma' proċeduri kriminali.[12]"

**57**. Illi, imbagħad fuq l-allegazzjoni ventilata mill-appellant illi hemm difett proċedurali dwar il-kontinwita ta'l-evidenza, din il-Qorti stqarret illi "l-ewwel ħolqa fil-katina tal-evidenza sseħħ meta, f'dan il-każ taħt il-lenti tal-qorti li jitratta reati dwar pussess aggravat ta' droga, tiġi misjuba dik id-droga mill-investigatur, bit-tieni ħolqa tkun dak il-mument li d-droga tkun elevata u mneħħija mill-pussess tas-suspettat. Minn hawn l-uffiċjal tax-xena tar-reat irid jara li din tkun minnu kkustodita u ikkatalogata sakemm tkun mgħoddija lill-espert tal-qorti għall-eżamijiet forensiċi. L-aħħar ħolqa fil-katina tinħoloq meta l-espert igħaddi lura dik l-evidenza lil qorti. Minn hawn jitwieled id-dmir fil-qorti li dik l-evidenza tiġi ppreservata u kkustodita sal-mument meta jintemmu l-proċeduri kriminali. Din il-mansjoni ta' kustodja hija fdata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, kif ingħad. Dan ifisser illi ma jistax jkun hemm ksur fil-katina tal-evidenza li b'xi mod tista' tikkontamina l-evidenza li trid issir permezz tal-oġġett eżebit mill-mument li din l-evidenza tgħaddi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti jekk il-prova li trid temerġi tkun diġa' saret bl-analiżi mill-espert maħtur għal dan il-għan. .... Illi dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti jolqtu aktar is-saħħa probatorja ta' dik l-evidenza u mhux daqstant l-ammissibbbilita' tal-istess, fatturi li finalment iridu jemerġu mill-provi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta imbagħad ikun fdat f'idejn il-ġurija

[12] Ir-Repubblika ta' Malta vs Josef Majri, ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Mckay deċiżi 04/102023.

popolari l-apprezzament ta' dik il-evidenza u dana wara id-debita direzzjoni mill-Imħallef sedenti il-ġuri."

**58.** Illi l-Qorti ma għandha xejn x'iżżid mal-fehma diġa' espressa minnha rigward dan il-punt ta' dritt u għalhekk l-aggravju marbut ma' din il-parti tal-eċċezzjoni bin-numru 8 qed tkun miċħuda.

**59.** L-appellant f'din l-eċċezzjoni, iżda jilmenta ukoll illi stante illi d-droga eżebita ma kenitx eżaminata forensikament f'laboratorju akkreditat kwindi r-riżultanzi tal-espert Mario Mifsud ma għandhomx saħħa probatorja u kwindi id-droga għandha tkun rimossa mill-atti.

**60.** Illi fuq dan il-punt il-Qorti diġa' kellha okkażjoni tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fl-aggravju marbut mal-eċċezzjoni numru 7, u a skans ta' repetizzjoni tqis dawk il-konsiderazzjonijiet ugwalment applikabbli għal din l-eċċezzjoni, b'żieda madanakollu illi terġa' ttenni, dak li kien diġa' deċiż f'sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti, illi l-eżami forensiku ta' sustanzi illeċiti huwa eskluż mill-applikabbilita' tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, bid-deċiżjoni dwar is-saħħa probatorja ta' dik l-evidenza għandha tkun deċiża finalment mill-ġurija popolari u mhux mill-qorti f'dan l-istadju. Dan għaliex l-ilment ventilat mill-appellant jista' jolqot il-valur probatorju tal-evidenza iżda mhux l-ammissibbilita' ta'l-istess. Kwindi anke dan l-aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment.

**61.** Finalment jingħad illi għalkemm l-appellant iqanqal l-aggravju tiegħu marbut ma' din l-eċċezzjoni fl-intier tagħha, madanakollu ma iressaq ebda ilment fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza appellata li tolqot l-ewwel parti ta' din l-eċċezzjoni u ċioe' l-ilment illi din l-evidenza għandha tkun imwarrba għaliex "meta sar ir-rikors mill-Ufficjal Prosekutur nhar is-7 ta' Mejju 2012 a fol. 32 tal-atti processwali sabiex id-droga in konnessjoni mal-kaz ta' Anthony Debattista tigi eżebita fl-atti tal-kumpilazzjoni

odjerna, il-Qorti laqghet it-talba minghajr ma ordnat notifika lill-Avukat Generali u lid-difiza nhar id-9 ta' Mejju 2012."

**62**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar dan l-ilment:

**Minkejja li kienet saret seduta l-ghada ta' dan id-digriet u cioe' nhar l-10 ta' Mejju, 2012,7 ma jidhirx li kien hemm xi lment f'dan is-sens minkejja lverbal huwa wiehed twil. Ghalhekk isegwi illi l-akkuzat ghazel ghalhekk li joqghod ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja kif ippresjeduta mill-allura Magistrat Miriam Hayman li dak iz-zmien kienet assenjata biex tisma' l-kumpilazzjoni.**

**63.** Illi ġaldarba l-appellant, iżda, ma jressaq ebda kritika lejn din id-deċiżjoni, il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha f'ebda konsiderazzjoni dwar l-istess billi ma tistax tindovina hi x'kien il-motiv illi wassal lill-appellant iressaq aggravju marbut ma'l-eċċezzjoni numru 8 fl-intier tagħha, meta ma jidhirx illi ħassu aggravat b'din il-parti tas-sentenza appellata.

## E. **<u>L-eċċezzjoni numru 12: "Ghandu jigi ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha fl-inkjesta u dana ghaliex kif jirrizulta mill-istess inkjesta (a fol. 5), is-sustanza tax-xhieda fl-inkjesta suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici, u kif ukoll ordnat mill-Magistrat Sedenti, izda minkejja dan kollu, x-xhieda giet xorta registrata b'mezzi digitali."</u>**

**64.** lli qabel kull konsiderazzjoni dwar dan l-aggravju, il-Qorti ma tistax ma tosservax difett proċedurali fir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant. Dan għaliex fit-talba aħħarija tiegħu, l-appellant qiegħed jitlob kemm il-konferma kif ukoll ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienet deċiża din l-eċċezzjoni. Dan ifisser illi t-talba kif postulata hija monka, u għalkemm ma iġibx in-nullita tar-rikors tal-appell, madanakollu l-Qorti ma tistax fl-istess nifs tikkonferma u tirrevoka parti mis-sentenza appellata. Iżda billi l-appellant iressaq aggravju formali fir-rigward, il-Qorti tifhem illi huwa ħassu aggravat minn din il-parti tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali, u għalhekk ser tikkonsidra xortawaħda dan l-ilment imqanqal minnu.

**65**. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni:

> **L-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici u cioe' Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta gie originarjament promulgat fl-1980 u kien gie l-ahhar emendat fl-1995. Tajjeb illi wiehed jenfasizza illi minn dakinhar it-teknologija ghamlet avvanzi kbar u li anke l-Qrati taghna jipprovaw izommu ruhhom aggornati mal-avvanzi teknologici. Is-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et. ghamlet referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:**
>
> > *"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti tista' tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*
>
> **Il-kelma 'tista'' hija ndikattiva li l-Qorti ghandha ghazla u mhux obbligata li tirregistra xhieda b'mezzi elettro-manjetici. Ghaldaqstant din il-Qorti zgur li mhux sejra tisfilza x-xhieda kollha fl-inkjesta ghaliex dawn ma gewx registrati b'mezzi elettro-manjetici u ghalhekk it-tnax-il eccezzjoni wkoll qedgha tigi michuda.**

**66**. Illi lanqas f'dan l-ilment ma għandu raġun l-appellant, mhux biss għaliex kif tajjeb tistqarr il-Qorti Kriminali, hija fakoltattiva f'idejn il-qorti adita bis-smigħ tax-xiehda li tuża' dawk il-mezzi idonji għar-reġistrazzjoni ta' dik l-evidenza, iżda b'żieda ma dak deċiż, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ġbir tal-evidenza fl-*in genere* jaqa' lil hinn mill-applikabbilita' tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi fl-artikolu 2 tiegħu illi l-kelma "qorti" li għalih japplika l-Att "***tfisser kull qorti ta' liġi, Bord, arbitraġġ, tribunal, kummissjoni jew kumitat ta' inkjesta, li b'liġi għandu s-setgħa li jisma' xiehda waqt il-proċedimenti,"*** bl-inkjesta dwar l-*in genere* ma taqa' taħt ebda waħda minn dawn l-awtoritajiet aġġudikattivi. Ukoll l-artikolu 646(4) jipprovdi illi ***l-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.*** L-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

> **"(1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni,"**

Bis-sub-inċiż (5) għal dan l-artikolu tal-liġi imbagħad ifassal dawk ir-rekwiziti meħtieġa sabiex il-proċess verbal jitqies illi jkun redatt b'mod regolari meta jingħad:

**(5) Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti.**

Dan ifisser illi dak lamentat mill-appellant ma iwassal għal ebda irregolarita' jew nullita' tali li jirrendi xi parti mill-proċess verbal bħala prova inammissibbli. Għal dawn il-motiv dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**F. <u>L-eċċezzjoni numru erbatax (14): l-isfilz tax-xhieda kollha fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirrizultax li gew amministrati l-gurament ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Kriminali u skont l-format stabbilit fl-Artikolu 577 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jigi sfilzati wkoll l-oggetti esebiti matul dik x-xhieda</u>**

**67.** Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet din l-eċċezzjoni bil-mod segwenti:

**"Din il-Qorti ssostni illi mhux kull ma jinghad fl-awla jigi transkritt. Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet, il-Qorti toqghod fuq il-verbali. Huwa minnu li forsi l-amministrazzjoni tal-gurament skond il-ligi ma tirrizultax mill-atti, madankollu dan zgur ma jwassalx ghall-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni ma jirrixultax li gew amministrati l-gurament. Oltre minn hekk, qas hu kaz ta'sfilz jekk ma jkunx hemm traskrizzjoni imma biss verbal f'dan ir-rigward. Ghalhekk, din il-Qorti qedgha tichad l-erbatax-il eccezzjoni."**

**68.** L-appellant isostni, iżda, illi minkejja li mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali li saru quddiem il-Qorti Istruttorja, xortawaħda mill-imsemmija verbali ma jirriżultax jekk l-amministrazzjoni tal-ġurament sarx skont il-liġi. Jinsisti illi l-artikolu 632 tal-Kap.9 huwa ċar meta hemm dispost b'mod tassattiv illi għandu jingħata il-ġurament lix-xhud u n-nuqqas ta' dan il-ġurament ma jippermettiex xhud li jagħti d-deposizzjoni tiegħu quddiem il-qorti.

**69**. Issa l-artikolu 631 tal-kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

**Ix-xhud li jistqarr ir-Reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef kif hi d-drawwa ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx din ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu tal-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.**

**70.** Dan ifisser illi kull xhud irid jiġi lilu somministrat il-ġurament bil-formola maħsuba fl-artikolu 632. Issa l-liġi mkien ma tiddisponi illi dan il-ġurament għandu jkun rifless *verbatim* fl-atti tal-kawża, u allura jkun implikat illi jekk fil-verbal tal-kawża hemm imniżżel illi x-xhud ikun xehed bil-ġurament ifisser illi lil dak ix-xhud kien somministrat il-ġurament bil-formola stabbilita fil-liġi. Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellant, li kien preżenti matul it-teħid tax-xiehda mill-Qorti Istruttorja, ma lmentax, quddiem dik il-Qorti, illi xi xhud kien xehed mingħajr ma kien mogħti il-ġurament, tant hu hekk illi huwa stess iddikjara illi mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali tal-qorti. Jingħad biss illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta, kemm fil-verbal ta' kull seduta fejn instema' xi xhud, li x-xhud ikun xehed bil-ġurament, kif ukoll fit-traskrizzjoni ta' dik ix-xiehda, fejn hemm ukoll rifless dan il-fatt. Il-fatt li t-traskrittur ta' dik l-evidenza ma ittraskriviex kelma b'kelma l-għoti tal-ġurament ma jfissirx illi dan ma ngħatax fil-formula stabbilita fil-liġi. Żgur mhux forsi illi, anke jekk, *gratia argomenti,* jirriżulta dan in-nuqqas, li fil-fatt ma jemerġi minn imkien fl-atti, xortawaħda dan ma iġġibx il-konsegwenzjali nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Fuq kollox ix-xhieda kollha li ddepponew quddiem l-Istruttur ser jerġgħu jixhdu fil-ġuri bil-Qorti Kriminali, fil-presenza tal-appellant, tissomministra il-ġurament lil kull xhud permezz tad-Deputat Reġistratur addett ma' dik il-Qorti. Illi finalment il-Qorti tosserva illi l-artikolu 577(3) tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu l-appellant qiegħed isejjes din l-eċċezzjoni, fost disposizzjonijiet tal-liġi oħra, ma jsibx applikazzjoni għal proċeduri kriminali u dan kif jirriżulta minn qari tal-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali[13]. Dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud ukoll.

---

[13] 645. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

**71.** B'hekk il-Qorti iddisponiet kemm mill-appell tal-Avukat Ġenerali kif ukoll minn dak tal-akkużat Clayton Azzopardi.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-akkużat Clayton Azzopardi, u tilqa' parzjalment l-appell ta'l-Avukat Ġenerali fis-sens illi l-aggravju marbut mal-eċċezzjoni numru 16 qed ikun milqugħ, filwaqt li l-aggravju marbut mal-eċċezzjoni numru 17 qed ikun miċħud. Tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tirrevokaha fejn din laqgħet l-eċċezzjoni bin-numru 16 tal-akkużat, u minflok tiċħad l-istess eċċezzjoni, madanakollu b'żieda ma' dak deċiż, tordna illi l-ewwel parti ta'l-istqarrija tal-akkużat tat-02 ta' Mejju 2012, u ċioe' minn dik il-parti fejn l-appellat jiġi mistoqsi jekk ikonsultax mal-avukat tal-fiduċja tiegħu sat-tweġiba tiegħu "*R: Imma għidtlek hekk għax kont il-qorti w kelli l-appell.*", għandha titħassar u dan sabiex ma jinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati il-fatt illi l-appellat kellu proċeduri oħra fil-konfront tiegħu fil-qorti. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex il-każ jipproċedi skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**